MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 1078/2004/1

**Dentrade Company Limited**

**vs**

**Jason u Stefania konjugi Briffa**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Gunju, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u wiehed u sittin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm1061.95) rapprezentanti bilanc ta' merci mibjugha u kkonsenjata lilhom mis-socjeta` attrici.

Il-konvenuti interpellati sabiex ihallsu diversi drabi baqghu inadempjenti.
Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta Stefania Briffa prezentata fit-30 ta' Gunju, 2005 fejn intqal :

i. Illi t-talbiet attrici in kwantu dedotta fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` attrici stante illi l-eccipjenti Stefania Briffa mhijiex il-legittima kontradittrici, ma kellha u ma ghandha ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew guridika mas-socjeta` attrici u s-socjeta` attrici qatt ma bieghetilha u kkonsenjatilha ebda merkanzija.

ii. Illi wkoll it-talba attrici kif dedotta u cioe` sabiex l-eccipjenti Stefania Briffa u l-konvenut l-iehor Jason Briffa jigu kkundannati biex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma minnha reklamata « flimkien » hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti Stefania Briffa qatt ma assumiet ebda obbligi ta' indivizibilita` u solidarjeta` flimkien mal-konvenut l-iehor Jason Briffa fil-konfront tas-socjeta` attrici.

iii. Illi l-eccipjenti Stefania Briffa m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici, ma tirrispondix ghall kwalsijasi debiti li setghu talvolta gew kuntrattati mas-socjeta` attrici minn zewgha Jason Briffa stante illi r-regim patrimonjali ta' bejniethom huwa regolat bis-sistema tas-separazzjoni tal-beni u l-konvenut l-iehor Jason Briffa huwa unikament responsabbli ghal kwalsijasi debiti li talvolta huwa seta' ikkuntratta fil-gestjoni tal-hanut « Desert Rose ».

iv. Illi oltre dan it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-kawza tal-kuntratt sottostanti illi a bazi tieghu s-socjeta` attrici qed tirkelama l-hlas hija wahda illecita.

Ra l-kapitolu prezentat fil-konfront ta’ Jason Briffa fid-29 t’April, 2005.

Ra d-digriet tas-27 ta’ Ottubru, 2005 li bi hit-Tribunal, fuq talba tas-socjeta` attrici, hatar lil PL Juliana Scerri Ferrante bhala Espert Kalligrafu sabiex jghid jekk il-firem fuq id-dokumenti a fol.40 sa 41 humiex ta’ Stefania Briffa. Ra li l-Espert Kalligrafu halfet ir-rapport fit-22 ta’ Marzu, 2006.

Semgha x-xhieda ta’ Dennis Deguara, Stefania Briffa u lill-Espert Kalligrafu l-PL Juliana Scerri Ferrante. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidra :

1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ghall-konsenja ta’ merci. Il-konvenut Jason Briffa baqa’ kontumaci. Il-konvenuta Stefania Briffa qed tyghid li mghandha ebda relazzjoni kontrtttwali mas-socjeta` attrici, u li ma hijiex solidalment responsabbli mal-konvenut, kif ukoll li zewgha hu responsabbli unikament peress li hemm bejniethom is-separazzjoni tal-beni.
2. L-ammont dovut jirrigwarda perijodu bejn it-23 ta’ Dicembru, 2002 u t-2 ta’ Gunju, 2003 Dok. »DD I » sa « DD XII ».
3. Dennis Deguara, direttur tas-socjeta` attrici, xehed li l-konvenuti kellhom l-hanut Desert Rose f’Bugibba, u kien kkonsenja merci konsistenti f’xorb u sigarretti. Jghid li normalment kien ikun hemm Jason Briffa, u jghid li Stefania Briffa kienet tiffirma c-cekkijiet. L-ircevuti kienu jinhargu f’isem iz-zewg konvenuti. Hu jghid li Dok.DD1 sa DD X1 huma iffirmati mill-konvenut ffilwaqt li Dok.DD XII huwa ffirmat mill-konvenuta.
4. Il-konvenuta cahdet li l-firma fuq id-dokumenti a fol.29 sa 41 tal-proceess hija l-firma taghha. Hi spjegat li il-konvenut kien jiehu hsieb il-hanut u t-tmexxija tieghu. Tispjega ukoll li llum qeghdin fazi

ta’ separazzjoni u li meta hadu l-hanut kienu ghamlu separazzjoni tal-beni.

5. Skond l-Espert Kalligrafu hija certa li c-cekkijiet esebiti gew ffirmati mill-konvenuta Stefania Briffa, pero` ma hemmx l-istess certezz adwar l-invoice. F’dan ir-rigward it-tribunal jaghmel referenza ghar-rapport dettaljat u studjat tal-istess Espert Kalligrafu, u ma jara ebda raguni lk-ghala mnghandux joqghod fuq tali rapport.

6. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta ma ffirmatx l-invoices in kwistjoni pero` jirrizulta li ffirmat c-cekkijiet. Huwa allegat li bejn il-konvenuti ma hemmx treggi l-komunjoni tal-akkwisti izda hemm ir-regim tas-separazzjoni tal-beni, pero` fir-rigward, ghalkemm mhux kontradett, kien ikun desiderabbli li jigi esebit d-dokument relattiv, kif imwieghed. Apparti dan ma jistghax ma jinghadx li kwalunkwe skrittura li kien hemm bejn il-konvenuti, ma kienux jafu biha l-atturi.

7. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-kwistjoni tirrisolvi ruhha fuq il-punt jekk meta l-konvenuta iffirmat c-cekkijiet dahlitx responsabbli in solidum mal-konvenut ghad-debitu pretiz. F’dan ir-rigward mix-xhieda mismugha jirrizulta li l-gestjoni tal-hanut kienet kompletament f’idejn il-konvenut, u l-fatt li l-konvenuta ffirmat tali cekkijiet ma jirrendihiex responsabbli ghad-debitu. Naturalment is-socjeta` attrici kellha ragun li tmexxi kontra l-konvenuta wkoll ghax ma kienetx taf kif kienu regolati l-affarijiet bejn il-konvenuti, u setghet facilment inghatat l-impressjoni, to9rt tal-konvenuta, li fil-fatt il-konvenuta wkoll kienet qed tiggestixxi n-negozju Dan ta’ l-ahhar qed jinghad ghal fini tal-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici biss-fil-konfront tal-konvenut Jason Briffa u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u wiehed u sittin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm1061.95) bl-imghaxijiet legali mit-2 ta’ Gunju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv,

> Dwar l-ispejjez, dawna ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti.”

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` attrici. Ghalkemm il-kreditu taghha gie affermat fil-gudizzju mit-Tribunal, hi hasstiha aggravata xorta wahda in raguni ghal fatt illi t-talba kreditorja taghha giet milqugha limitatament *di fronte* ghal konvenut Jason Briffa, u mhux ukoll fir-rigward ta’ martu, il-konvenuta Stefania Briffa;

Fl-esposizzjoni taghha ta’ l-aggravji s-socjeta` attrici, wisq korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, tikkwerela l-fatt illi t-Tribunal ma kienx messu qaghad fuq id-dikjarazzjoni ta’ l-imsemmija konvenuta izda kien tenut jassikura li dik id-dikjarazzjoni taghha ta’ ezistenza ta’ ftehim kontrattwali ta’ separazzjoni tal-beni, bejnha u l-konvenut l-iehor zewgha, kienet sostenuta u sorretta bil-produzzjoni tal-kuntratt opportun;

Ghal dak li jiswa ghal punt ikkontestat lis-sentenza appellata, il-fatti kif jermergu mill-kwadru tal-provi huwa dawk segwenti:

(1) Is-socjeta` attrici ssupplixxiet merkanzija konsistenti f’ xorb u sigaretti lill-hanut tal-konvenuti f’ Bugibba maghruf bl-isem “Desert Rose”. Ara xhieda ta’ Dennis Deguara, direttur tas-socjeta` attrici, a fol. 43 tal-process;

(2) Dan il-hanut kien in lokazzjoni lil konvenuta;

(3) Il-konvenuta Stefania Briffa tghid il qabel ma hadu l-hanut hi u zewgha ghamlu bil-kitba s-separazzjoni tal-beni. Fi kliemha, “konna ftehmna li hu jidhol responsabbli ghal hanut, jiena niehu d-dar u ghalhekk ir-responsabilita` tal-hanut hija tieghu”, (ara deposizzjoni taghha a fol. 50). Kopja ta’ dan il-kuntratt, li hi ppromettiet li tesebixxi, qatt ma giet inserita minnha fl-atti;

(4) In kontro-ezami a fol. 51 l-istess konvenuta tistqarr imbaghad ili hi kellha interess f' dak li kien qed jigri fil-hanut, kienet ukoll tattendi fih u l-hlasijiet tal-merce komprata gieli ghamlithom hi. Effettivament, il-perizja kalligrafika a fol. 59 tikkonferma illi xi cekkijiet lis-socjeta` attrici nhargu taht il-firma taghha;

(5) Meta xehdet (seduta 27 ta' Ottubru, 2005) il-konvenuta iddikjarat inoltre li hi u zewgha kienu fil-fazi ta' separazzjoni personali;

Premessi dawn il-fatt, jibda biex jinghad illi hi presunzjoni tal-ligi taghna, ex-Artikolu 1316, Kodici Civili, illi z-zwieg li jsir f' Malta jikkreja *ipso jure* il-komunjoni ta' l-akkwisti. Hi wkoll presunzjoni legali illi l-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti [Artikolu 1321 (1), Kodici Civili] u, inoltre, li l-akkwisti taghhom - f' dan il-kaz merce - huma atti ta' amministrazzjoni straordinarja [Artikolu 1322 (2) (g)]. Dan, s' intendi, sakemm dawk l-istess akkwisti ma jitqiesux atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin (Artikolu 1324, Kapitolu 16). Ankorke allura f' dan il-kaz in-negozju mill-hanut kien qed jitmexxa mir-ragel biss l-obbligazzjonijiet assunti minnu jirrispondu ghalihom il-beni ezistenti fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Ara ghall-aktar approfondiment is-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet "**Poultry Products Limited -vs- Gesmond Sant *et***", (4 ta' Ottubru, 2006) u "**J&E Griscti Limited -vs- Jesmond Sant u Rita Sant**", (10 ta' Jannar, 2007);

Issa kemm l-Artikoli 1315 u 1321 tal-Kodici Civili jipprovdu ghal qaghda ta' regim patrimonjali divers fejn il-konjugi jkunu hasbu xort' ohra minn dik tal-qaghda presuntiva migjuba *in essere* b' dawn l-istess disposizzjonijiet. Dik il-qaghda presuntiva, krejattiva tal-komunjoni ta' l-akkwisti, tista' wkoll tintemm bid-decizjoni konsenswali tal-konjugi permezz tas-separazzjoni tal-beni. Tali hu regim legali sussidjarju li jgib mieghu x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-

akkwisti. Il-prova tieghu trid tirrizulta bil-miktub fil-forma ta’ kuntratt pubbliku. Isegwi li l-assenza ta’ prova bhal din kellu jkun ritenut illi r-regim komunitarju bejn il-konjugi kien ghadu jissussisti u li allura l-koppja unita bi zwieg kienet ghadha assoggettata ghar-regim tal-komunjoni legali;

Bazikament, il-kwestjoni f’ dan il-kaz kienet kollha wahda ta’ provi u, partikolarment, jekk it-Tribunal kellux jikkuntenta ruhu bil-mera affermazzjoni tal-konvenuta illi hi u zewgha kienu ghamlu s-separazzjoni tal-beni;

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan ma kellux ikun hekk il-kaz, kemm ghaliex l-ahjar prova f’ dan il-kaz kienet dik tal-produzzjoni tal-kuntratt kif ukoll in bazi ghal konsiderazzjoni illi minn dak li ddeponiet dwaru l-istess konvenuta din, nonostante l-allegata separazzjoni tal-beni, kompliet tinvolvi ruhha sew fil-gestjoni tan-negozju mill-hanut. Dan fuq il-konfessjoni taghha illi hi ssoktat tinteressa ruhha fil-hanut, tattendi fih u taffettwa l-hlasijiet;

Wisq pacifikament, “hu biss meta jkun hemm cirkostanzi specjali li jistghu jispjegaw il-ghaliex ma tistax issir il-prova solita li l-gudikant jista’ jippermetti prova ohra li tissodisfah” (“**Maria Cassano *et* -vs- Filippo Pellegrini *et***”, Appell Civili, 16 ta’ April 1937). Fil-kaz prezenti dawn ic-cirkustanzi specjali certament ma jezistux, sew ghaliex il-konvenuta nnifisiha weghdet li tisebixxi kopja ta’ l-att li qatt ma gie prodott, sew ghaliex il-provi l-ohra attendibbli, senjatament ix-xhieda ta’ l-istess konvenuta, ma jikkonvincux illi verament sehhet is-separazzjoni tal-beni u li l-hanut kien gestit (u mhux ukoll ko-gestit) mill-konvenut wahdu bis-sahha ta’ l-istess separazzjoni. Kif taraha din il-Qorti ghal konferma ta’ liema sustanzi tal-komunjoni gew effettivament assenjati l-wiehed jew l-ohra fost il-konjugi, l-esebizzjoni tal-kuntratt kienet prova indispensabbli u *sine qua non.*

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u b’ hekk timmodifika s-sentenza appellata billi tikkundanna wkoll lill-konvenuta appellata Stefania Briffa biex flimkien mal-konvenut l-iehor taghmel tajjeb ghall-ammont reklamat mis-socjeta` attrici appellanti fl-Avviz. L-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza jitbatew miz-zewg konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------